Minuti tal-laqgħa numru disgħa u ħamsin (59) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar id-29 ta' Awwissu, 2023 fl-4:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur David Schembri MQR | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

59.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Ittri ta' apoloġiji

Il-kunsillieri qalu t-talba flimkien, is-Sindku, is-Sur David Schembri ippresjieda l-laqgħa u ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw.

59.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** — Minuti

Kien hemm emenda żgħira fil-minuti imressqa minn Ms Marion Parnis fir-rigward tal-qtates li kienu qed jagħmlulhom neutering persuni mill-Iskola ta' Hellen Keller tal-Qrendi, fis-sens illi dawn qed jagħmlu dan fuq il-qtates li kien hemm fil-viċinanzi tagħhom biss. Il-minuti tas-seduta tmienja u ħamsin (58) kienu ipproponuti għall-vot mis-Sur Charles Zerafa u ssekondati mis-Sur Daniel Farrugia. Dawn kienu approvati b'vot unanimu.

59.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma l-attività tat-13 Settembru bl-isem Building Europe with local councillors biex tippromwovi l-istess kunsilli lokali speċjalment fl-aspett komunikattiv tal-Ewropa. — Building Europe with local councillors

59.03.02 Is-Sur David Schembri semma l-attività li se ssir mir-Reġjun Punent fil-15 ta' Settembru fil-Pjazza ta' San Mattew li se tkun iffukata fuq Short film festival. Hu ippropona illi filwaqt li jsiru l-arranġamenti loġisitċi mill-uffiċċju, se jkun hemm obbligazzjoni li tingħata rimunerazzjoni lill-Compare'. — Short Film Festival

59.03.03 Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' l-proposta tar-Reġjun Punent biex issir Pop-up Art exhibition. Din fil-verità għandha sinifikat li ma tkunx waħda formali. Madankollu jirriżulta illi hemm fir-Reġjun Punent ċertu flus allokati għall-kultura li jammontaw għal €5,000.00. Għaldaqstant, il-KLQ qed jipproponi illi filwaqt li se nikkonfermaw il-proposta tagħna fil-laqgħa tar-Reġjun Punent ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Awwissu sabiex tinżamm esebizzjoni tal-arti fil-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba u wkoll se nippruvaw nagħmlu recital fil-Kappella tal- — Esebizzjoni tal-arti

Ħniena. Dwar l-esebizzjoni is-Sindku u d-DSE iltaqgħu diġa' mas-Sur Martin Formosa il-President tal-Pastel Society biex isiru l-arranġamenti loġistiċi anke mal-Kappillan li hu r-rettur tal-istess kappella.

| | | |
|---|---|---|
| 59.03.04 | Is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi nhar il-Ħamis, 21 ta' Awwissu kien hemm laqgħa ġewwa ċ-ċentru tal-viżitaturi ta' Ħaġar Qim fil-11:00 u kien mistieden ġuvnott mill-Qrendi għaliex dan irnexxielu jagħmel programming ta' logħba fuq l-internet li fiha ta promozzjoni lill-istess Ħaġar Qim fuq livell internazzjonali. | Programming ta' logħba fuq Ħagar Qim |
| 59.03.05 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri, qal illi kellu proposta biex il-Gvern Ċentrali permezz tal-Cleansing Department jagħmlilna l-manutenzjoni dwar is-sinjali u t-tabelli, id-dwal tat-toroq ecc, għaliex qegħdin fiz-zona turistika. Hu iltaqa' mad-direttur ġenerali tal-Cleansing Department, is-Sur Ramon Deguara u talbu l-approvazzjoni tal-KLQ. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni dwar dan. | Għajnuna mil-Gvern Ċentr |
| 59.03.06 | Is-Sur David Schembri qal illi Iltaqa' ma' Projects Green dwar spazju addattat propost fi ġnien pubbliku fil-Barriera tal-Mitħna bejn l-Imqabba u l-Qrendi. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi dawn qed jipproponu li l-ispazju jkun żviluppat f'family park bi playground żgħira. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-kunsillieri dwar dan. | Barriera mirduma – Tal-Mitħna f'tat-Torba |
| 59.03.07 | Is-Sur David Schembri, is-Sindku, informa lill-kunsillieri illi nhar is-27 ta' Lulju saret l-inizjattiva bl-isem Move for trees. Dan kien jikkonċerna is-siġar li tħawwlu quddiem il-Maġistrat fi Triq Ħaġar Qim. Dwar it-tisqija, is-Sindku qal li dawn qed jissaqqew darba fil-ġimgħa filwaqt li kien hemm insistenza biex jibqgħu jissaqqew spiss mis-Sur Patrick Bugeja għaliex qal li mietu ħafna siġar minħabba l-għatx. | Taħwil ta' Siġar |
| 59.03.08 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' ix-XirCammini. Partikolarment fil-launch tal-proġett fil-Birgu fl-ITS f'Ħal Luqa. Hu qal li l-Qrendi ssemma' anke internazzjonalment. Din il-mixja tispiċċa Santiago di Compostela. | XirCammini |
| 59.03.09 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq il-proġett Corallo. U qal li kien mistieden flimkien mas-Sindku taż-Żurrieq għall-Final Conference fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi f'Ħaġar Qim. Dan jittratta siti ta' Natura 2000 biex jindirizza l-preservazzjoni tal-ispecial area of conservation area fl-inħawi ta' Ħaġar Qim. | Proġett Corallo |
| 59.03.10 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri flimkien mas-Sa Marion Parnis laqgħu lill-Prim Ministru Robert Abela nhar l-10 t'Awwissu f'Wied iż-Żurrieq u tħaddtu fuq il-bżonnijiet li hemm għall-entitajiet kollha. | Żjara mil-Prim Ministru |

59.03.11 Dwar l-istrateġija u l-prijoritajiet tal-Programm Leader għas-snin li ġejjin, tal-GAL Xlokk inżammet laqgħa apposta u attendew is-Sindku u d-Deputat Segretarju fis-Sala tal-Kunsill ta' Ħal Safi. Min-naħa tagħna issuġġerejna biex ikun hemm aktar fondi disponibbli għall-wirt kulturali.

GAL Xlokk

59.03.12 Is-Sur David Schembri qal li kellu laqgħa mal-Community Police u fost il-punti li tqajjmu waqt il-laqgħa kien hemm il-problema tal-parkeġġi flimkien mal-overspeeding li qed isir tard bil-lejl speċjalment fil-By-Pass.

Laqgħa mal-Community Police

59.03.13 Il-KLQ kien infurmat mis-Sindku, is-Sur David Schembri illi f'Ottubru il-Qrendi se jkun inkluż fil-mixjiet organizzati mill-Awtorità tal-Ippjanar li se jkunu qed jisħqu fuq l-Special Areas of Conservation, kif ukoll dwar l-iskema li kienet popolari bl-isem Irrestawra Darek. Is-Sur David Schembri qal li dawn se jagħmlu sitt mixjiet b'kollox.

Mixjiet fil-Qrendi organizzati mill-Awtorità tal-Ippjanar

## 59.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

59.04.01 Kien hemm mistoqsija mis-Sur Charles Zerafa x'ħin fuq l-agenda kien imiss l-iskeda tal-pagamenti, dwar il-kont tal-Parroċċa Santa Marija. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi din hija Inv 38 tas-26 ta' Lulju tal-festival tal-patata talli infetħu l-kappelli. Din tammonta għal Eur500 u hija parti mill-promozzjoni tar-raħal għall-viżitaturi.

Viżitaturi fil-kappelli tal-Qrendi

59.04.02 Is-Sur Charles Zerafa staqsa dwar il-ħlas tal-kirja tal-garage tal-Kunsill għaliex fuq l-iskeda tidher bħala Vat Excluded. Id-DSE qal illi fuq kirjiet ma titħallasx VAT iżda it-taxxa mis-sid li jkun qed jikri.

Taxxa fuq kirjiet

## 59.05 Għażla taż-żgħażugħ/a tal-Parlament taż-Żgħażagħ

Kienu mressqa żewġ kandidati, is-Sur Gabriel Camilleri u s-Sa Mikaela Vassallo. Dawn ittellgħu bil-polza u l-kandidat li tela' kien is-Sur Gabriel Camilleri li se jirrappreżenta lill-Qrendi fil-Parlament taż-Żgħażagħ.

Parlament taż-Żgħażagħ

## 59.06 LC Care Grant Support Scheme 2020

Dwar l-ittra datata fl-4 ta' Awwissu biex il-KLQ jirrifondi Eur2497.87, is-Sa Marion Parnis qalet illi jekk dejjem qed nitkellmu fuq l-ewwel skema u li kienet intalbet estenzjoni fuqha:

a) Il-qtates kollha kienu microchiped mhux kif qed jgħid is-Sur Joseph John Vella u

Dwar il-fatt li l-KLQ kien

b) Ġurnata tard biex għadda l-pagament intqal illi ma kienx tort tal-KLQ iżda tal-VET li tagħna l-kont tard.

Għaldaqstant se niktbu lid-Dipartiment tal-Animal Welfare biex nikkontestaw dan kollu.

LC Care

59.07 **Premju Anzjanità Attiva** Premju Anzjanità attiva

Il-KLQ reġa' qed jipproponi in-nomina tas-Sa Maria Magro minkejja li fil-passat kienet nominata mingħajr suċċess u l-kunsill kien diżappuntat illi ma kienetx rikonoxxuta minħabba l-ħafna mħabba li kellha lejn it-tfal kemm fit-tagħlim akkademiku kif ukoll fit-tagħlim tal-katekiżmu fil-Parroċċa. Għaldaqstant id-DSE se jkun qed jikkomunika ma' Ms Maria Magro biex naraw jekk hix interessata.

59.08 **Palazz tal-Guarena f'sala tat-tiġijiet** Palazz Guarena

Is-Sindku, is-Sur David Schembri kif ukoll il-kunsillier, is-Sur Charles Zerafa attendew laqgħa ma sid il-Palazz tal-Guarena biex ikunu jafu aħjar is-sitwazzjoni tal-applikazzjoni li għandhom mal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku qal illi r-rapport ta' ADI li għamlu is-sidien tal-Palazz jidħol fid-dettall f'dak li hu parkeġġ u moviment ta' vetturi. Madankollu Transport Malta xtaqu l-veduti tal-KLQ f'dan l-aspett. Il-KLQ issuġġerixxa li jista' jsir P & R kumplimentat minn shuttle service u xufiera tal-Bolt mill-parkeġġ ta' Ħaġar Qim biex nimmassimizzaw dawn l-ispazji tal-parkeġġ. Dan għaliex fil-ħinijiet li normalment isiru t-tiġijiet, ma jkunx hemm viżitaturi Ħaġar Qim. Jista' jintuża wkoll P & R kumplimentat minn shuttle service mill-mitjar ta' San Niklaw. Jista jsir parkeġġ ukoll fi Triq Ħaġar Qim, fi Triq Bali Guarena iżda mhux fi Triq tal-Grazzja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan l-arranġament u dwar storbju u light pollution intqal illi fil-passat kien hemm Villa Saracena illi kienet toħloq ftit tat-tenzjoni dwar dan. Intant, ir-rapport ta' ADI jindirizza wkoll l-istorbju fil-ħinijiet tard bil-lejl. Is-Sindku, is-Sur David Schembri li diġa' hejja l-ittra biex tintbgħat lill-Awtorità tal-Ippjanar, qraha lill-kunsillieri waqt il-laqgħa u saret il-korrezzjoni biex ma jitħalliex parkeġġ fi Triq tal-Grazzja.

59.09 **L-approvazzjoni għall-ħruġ tal-offerta ta' Finishings taċ-Ċentru Ċiviku** Uffiċini tal-Kunsill - finishings

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi approva d-dokumenti tal-finishings taċ-Ċentru Ċiviku imħejjija mill-Perit tal-Kunsill u kienu mgħoddija lilna mis-Sur Kevin Borg. Dawn se jiġu mgħoddija lis-Sur Ryan Mercieca Cefai ta' Yamayamiltd biex itellagħhom fis-sistema tal-e-tenders filwaqt li jitlob approvazzjoni mill-Green Public Procurement Office.

59.10 **L-approvazzjoni għall-ħruġ tal-offerta ta' Playground equipment** Bandli biswit iċ-Ċentru Ċiviku

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi approva d-dokumenti tal-playground biswit iċ-Ċentru Ċiviku, imħejjija mill-Perit tal-Kunsill u kienu mgħoddija lilna mis-Sur Kevin Borg. Dawn se jiġu mgħoddija lis-Sur Ryan Cefai ta' Yamayamiltd biex itellagħhom fis-sistema tal-e-tenders.

59.11 **Intervisti għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv** Post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv

Dwar l-intervisti għall-post tas-SE, intqal illi l-Bord tal-Għażla jixtieq li jkollu l-aħħar tliet Performance Appraisals tal-kandidati kollha. Dawn baqgħu ma ġewx mid-Dip Gvern Lokali fir-rigward ta' persuna minnhom. L-istess Direttur Ġenerali kien tal-ideja illi l-KLQ jistaqsi lill-

kandidati stess biex jipprovduhomlu minħabba ksur ta' Data. Intalbet kjarifika mill-Kummissarju tad-Data dwar dan li sostna l-istess ħaġa. Għaldaqstnat il-Bord dehrlu li kellu jistaqsi għal dawn l-appraisals lill-kandidati.

59.12 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru SCH 01 (24/7/23-29/8/23 u SCH 184 Ref: AA/07-1)** Skedi tal-pagamenti

L-iskedi fuq imsemmija kienu approvati unanimament. Kien hemm żewġ mistoqsijiet li qed jidhru aktar 'il fuq fil-mistoqsijiet mill-kunsillieri.

59.13 **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart 2023** Rapport finanzjarju

Se jkun trattat fil-laqgħa li jmiss.

59.14 **Mobile App – Ittra Legali** Mobile App

Din l-ittra saret.

59.15 **Punti oħra**

59.15.01 Il-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja irrapporta bozza maqtugħa quddiem il-Każin ta' Lourdes. Is-Sindku qal li din kienet irrappurtata. Bozza tat-toroq

59.15.02 Is-Sur Patrick Bugeja, il-Viċi Sindku, qal illi hawn xi siġar li mhux qed jissaqqew. Is-Sindku wieġeb illi jekk qed jirreferi għal dawk li hemm fil-ħwat fil-pjazez, is-soċjetajiet suppost qed isaqquhom u jidher ċar li dawn mietu bil-għatx. Siġar li mietu bil-għatx

59.15.03 Is-Sur Charles Zerafa qal illi ġieli jkun hemm il-kennies quddiem il-Knisja u lanqas ma jindenja ruħu jinżel lejn il-Każin ta' Lourdes biex jiknes il-Pjazza mil-bosta sigaretti u skart ieħor. Is-Sindku qal li dan mhux sewwa u se terġa' tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur. Is-Sur David Schembri żied jgħid illi minkejja li l-KLQ waħħal is-cigarette bins, dawn mhux qed jintużaw. Knis ta' toroq

59.15.04 Is-Sur David Schembri qal illi ltaqa' rappreżentant tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma quddiem il-Każin tal-Labour biex ikun diskuss ix-xogħol tal-bdil tas-servizzi tal-ilma qabel ma jibda' x-xogħol tal-pavimentar. Wara dan l-isqaq imbagħad ikun imiss Sqaq 1 u 3 Triq it-Torri u imbagħad Sqaq 2, Triq San Nikola. Laqgħa mal-WSC qabel il-pavimentar.

59.15.05 Is-Sa Marion Parnis irreferiet għal-litter bin li nqala' mil-KLQ fuq wara tal-Kappella tas-Salvatur. Is-Sindku talab biex nistaqsu lir-residenti jekk jixtiquhx jew le għaliex hija kellha talba biex dan jerġa' jitwaħħal. Litter bin fi Triq is-Salvatur

59.15.06 Is-Sa Marion Parnis talbet biex jitneħħa il-ħaxix niexef li hemm f'Wied iż-Żurrieq viqin in-niċċa tal-Madonna. Is-Sur David Schembri qal li se Ħaxix niexef f'Wied iż-Żurrieq

jagħmel dak li jista' biex anke is-sit li hu esklussivament ta' Din l-Art Ħelwa ikun indukrat sew. Għaldaqstant se nitolbu dan lill-Cleansing Department.

59.15.07 Is-Sur David Schembri tkellem fuq Triq San Pietru. Hu qal li l-wiċċ ta' din it-triq ittiekel u għaldaqstant hemm il-ħtieġa li nagħtuha ftit konkos mil-ġdid. Triq San Pietru

59.15.08 Issemmiet Triq Filippu Zammit fejn saret il-bankina. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li din issa aċċettawha minkejja li dejqet xi ftit it-triq u issa kulħadd irid il-marki tal-parkeġġi mal-art. Marki tal-parkeġġi fi Triq Filippu Zammit

59.15.09 Is-Sindku, is-Sur David Schembri talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv jagħmel Change Request għall-Measure 3 dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb b'laqta kulturali u dwar Measure 1, Restawr tal-imkwatru ta' Santa Katarina tat-Torba biex nestendu ż-żmien tal-għeluq tax-xogħlijiet. Change Requests

59.16 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa intemmet fis-6:45pm u dik li jmiss se ssir nhar il-25 ta' Settembru 2023 fil-5.30pm

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25 ta' Settembru 2023 minn David Schembri MQR

Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku tal-Qrendi